**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 412/11VG**

**Avukat Dr. Reuben Farrugia**

**Vs**

**Christopher Colombo u b'Digriet ta' l-20 ta' Frar 2012 gie kjamat in kawza Michael Azzopardi**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-Avukat Dr. Reuben Farrugia fis-16 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma li tigi likwidata mill-Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, li tirrapprezenta d-danni minnu sofferti b'konsegwenza ta' xoghol ta' appalt ezegit mill-konvenut mhux skond is-sengha u l-arti u kif ukoll afflitt minn divseri difetti, liema appalt jikkonsisti fil-manifattura ta' madum u tqeghid ta' l-istess fil-fond 56, Triq il-Kbira, Balzan, u dana prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz li l-Qorti tiddikjara li x-xoghol ezegwit, jew parti minnu, mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u kif ukoll huwa afflitt minn diversi difetti u li b'konsegwenza tax-xoghol esegwit mill-konvenut huwa sofra danni li ghalihom huwa unikament responsabbli l-konvenut, bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezezntat kontestwalment mar-Rikors, kontra l-konvenut;

Rat li d-dikjarazzjoni ta' l-attur fis-sens illi l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut ma teccedix is-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro (€11,646.00);

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-attur u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) ma huwiex minnu li l-madum supplit u mqieghed fil-fond 56, Triq il-Kbira, Balzan, ma

giex hekk supplit u mqieghed skond is-sengha u l-arti u/jew li tali madum ghandu xi difetti kif allegat fir-Rikors promotur; (ii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jekk jezistu xi difetti tali huma attribwibbli ghal min qieghed il-madum u cioè Michael Azzopardi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 366366(M), li ghandu jigi kjamat fil-kawza; u (iii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet già sollevati, ma huwiex minnu li huwa kkawza xi danni lill-attur kif allegat fir-Rikors promotur;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tal-konvenut fejn jeccepixxi l-preskrizzjoni, ossia dekadenza, ta' l-azzjoni attrici bid-dekors ta' sitt xhur a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li mill-provi mressqa jirrizulta pjenament li dak li l-attur qed isostni huwa li l-madum supplit u mqieghed fid-dar tieghu kien milqut minn difett latenti[1];

Rat li b'Digriet datat 20 ta' Frar 2012 gie kjamat fil-kawza Michael Azzopardi;

Rat ir-Risposta ta' Michael Azzopardi permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u ghalhekk it-talbiet kif dedotti ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu u ma jistax ikun hemm kundanna ta' hlas ta' ebda danni fil-konfront tieghu; u (ii) f'kull kaz it-talba attrici fil-konfront tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li x-xoghlijiet li huwa kien esegwixxa fuq inkarigu tal-konvenut Christopher Colombo kienu saru skond is-sengha u l-arti u kwalsiasi danni li seta' sofra l-attur, liema danni fi kwalunkwe kaz iridu jigu ppruvati, certament li ma jahtix ghalihom hu;

Rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "RF1" sa' Dok. "RF18" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Jannar 2012 a fol. 9 sa' 30 tal-process, semghet ix-xhieda tal-Perit Mario Cassar moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2012[2] u rat ir-rapport tieghu markat Dok. "MC1" a fol. 43 sa' 51 tal-process;

Rat li b'Digriet datat 10 ta' Lulju 2012[3] gie nominat il-Perit David Pace bhala Perit Tekniku sabiex jezamina x-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur, jisma' l-provi tal-konvenut u tal-kjamat in kawza u kontro-ezamijiet, anke ta' l-attur, u finalment jirrelata mill-aspett tekniku dwar it-talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijeit moghtija mill-konvenut u mill-kjamat in kawza, b'dana li ma jittratta l-ebda kwistjoni legali, anke jekk jitressqu provi fir-rigward da parte tal-partijiet kontendenti, liema kwistjonijiet legali jigu trattati direttament mill-Qorti;

[1] Fol. 148 tal-process.
[2] Fol. 52 tal-process.
[3] Fol. 56 tal-process.

Rat li b'Digriet datat 8 ta' Novembru 2012[4], il-Perit David Pace gie, in segwitu ghal talba avvanzata minnu stess, sostitwit bil-Perit Alan Saliba li baqa' bl-istess inkarigu kif imfisser fid-Digriet ta' l-10 ta' Lulju 2012;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba a fol. 69 sa' 113 tal-process;

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku Alan Saliba da parte tal-konvenut[5] u tal-kjamat in kawza[6] u rat ir-risposti ta' l-istess Perit ghal tali mistoqsijiet[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 128 sa' 135 tal-process, rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 152 sa' 163 tal-process u rat ir-Replika ta' l-attur a fol. 165 sa' 168 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali finali da parte ta' l-attur u tal-konvenut u rat li l-kjamat in kawza baqa' ma pprezenta ebda Nota ta' Sottomissjonijiet/Nota Responsiva u lanqas deher ghall-finijiet tat-trattazzjoni orali finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma li tigi likwidata mill-Qorti rapprezentanti d-danni minnu sofferti b'konsegwenza ta' xoghol ta' appalt ezegwit mill-konvenut mhux skond is-sengha u l-arti u kif ukoll afflitt minn diversi difetti, liema appalt kien jikkonsisti fil-manifattura u tqeghid ta' madum fil-fond 56, Triq il-Kbira, Balzan, prevja dikjarazzjoni li x-xoghol ezegwit, jew parti minnu, mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u kif ukoll huwa afflitt minn diversi difetti u li b'konsegwenza tax-xoghol esegwit mill-konvenut huwa sofra danni li ghalihom huwa unikament responsabbli l-konvenut. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li: (i) ma huwiex minnu li l-madum supplit u mqieghed fil-fond 56, Triq il-Kbira, Balzan, ma giex hekk supplit u mqieghed skond is-sengha u l-arti u/jew li tali madum ghandu xi difetti kif allegat fir-Rikors promotur; (ii) jekk jezistu xi difetti, dawn huma attribwibbli ghal min qieghed il-madum u cioè Michael Azzopardi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 366366(M), li ghandu jigi kjamat fil-kawza; u (iii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet già sollevati, ma huwiex minnu li huwa kkawza xi danni lill-attur kif allegat fir-Rikors promotur. In forza ta' Risposta Ulterjuri pprezentata fit-23 ta' Ottubru 2015, il-konvenut jeccepixxi ulterjorment li l-azzjoni attrici hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, in

---

[4] Fol. 61 tal-process.
[5] Fol. 117 u 118 tal-process.
[6] Fol. 116 tal-process.
[7] Fol. 119 sa' 122 tal-process.

kwantu mill-provi prodotti jirrizulta li dak li qed isostni l-attur huwa li l-madum supplit u mqieghed fir-residenza tieghu huwa milqut minn difett latenti.

B'Digriet datat 20 ta' Frar 2012, il-Qorti awtorizzat il-kjamata in kawza ta' Michael Azzopardi li laqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li: (i) huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u ghalhekk it-talbiet kif dedotti ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu u ma jistax ikun hemm kundanna ta' hlas ta' ebda danni fil-konfront tieghu; u (ii) f'kull kaz it-talba attrici fil-konfront tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li x-xoghlijiet li huwa kien esegwixxa fuq inkarigu tal-konvenut Christopher Colombo kienu saru skond is-sengha u l-arti u kwalsiasi danni li seta' sofra l-attur, liema danni fi kwalunkwe kaz iridu jigu ppruvati, certament li ma jahtix ghalihom hu.

In kwantu rigwarda r-relazzjoni guridika rilevanti u pertinenti ghall-proceduri odjerni l-attur iddikjara li *fl-2009 jiena kont qieghed fil-process li naghmel ir-restawr tar-residenza privata tieghi li ggib in-numru ufficjali 56 fi Triq il-Kbira, Balzan. Illi fost l-affarijiet li jiena kont iddecidejt nibdel kien hemm il-madum ta' l-art tad-dar kollha u peress li din hija 'town house' antika kien xieraq li dawn jigu rimpjazzati b'madum tad-disinn tradizzjonali. Illi ghal dan il-ghan fl-2009 kont avvicinajt lill-konvenut Christopher Colombo li ghandu fabbrika gewwa San Gwann li fiha jsir il-madum tradizzjonali tad-disinn bl-idejn. Il-konvenut kien infurmani li huwa mhux biss jimmanifattura l-madum tad-disinn tradizzjonali imma wkoll iqieghed u jippolixja l-imsemmi madum, u fil-fatt id-diskussjonijiet mal-konvenut kienu dejjem fis-sens illi huwa kellu jkun responsabbli ghall-manifattura tal-madum u kif ukoll ghat-tqeghid u l-polishing tal-madum. ... Illi mal-konvenut kont ukoll qbilt dwar il-prezz li jiena kien ser ikolli nhallas, liema prezz maqbul kien ta' €12,950 (tnax-il elf disa' mija u hamsin Euro) liema prezz kien jinkludi l-manifattura ta' l-imsemmi madum, it-trasport ta' l-istess, it-tqeghid u l-polish kif ukoll ir-ramel u cement. ... Kif inbeda x-xoghol ta' manifattura tal-madum jiena kont hallast lill-konvenut is-somma ta' €4,000 (erbat elef Euro) akkont tal-prezz ... Ghall-habta ta' l-ahhar ta' Frar 2010 il-konvenut kien infurmani li kien ser jigi ma' persuna jismu Michael li kien ser iqieghed il-madum fir-residenza tieghi. Fil-fatt gew il-konvenut u dana Michael sabiex jaraw kif ser jahdmu x-xoghol ta' tqeghid u xi ftit ta' zmien wara beda x-xoghol ta' tqeghid. Waqt li kien qieghed isir ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum fir-residenza tieghi jiena kont ghamilt pagament iehor lill-konvenut akkont tal-prezz miftiehem u dana fis-somma ta' hamest elef Euro (€5,000)... Nghid illi x-xoghol ta' manifattura, tqeghid u polish tlesta lejn l-ahhar ta' Mejju 2010 u fil-fatt fl-1 ta' Gunju 2010 jiena ghamilt pagament ghas-saldu lill-konvenut fis-somma ta' €3,950 (tlett elef disa' mija u hamsin Euro) u dana ghax-xoghol kollu indikat fid-dokument hawn anness u markat Dok. RF14 u cioè il-manifattura ta' l-imsemmi madum, it-trasport ta' l-istess, it-tqeghid u l-polish kif ukoll ir-ramel u cement. ... Ghandi nghid illi jiena ma tajt l-ebda inkarigu lil dan Michael biex iqieghed il-madum tad-*

*disinn fir-residenza tieghi u wisq anqas kelli xi ftehim mieghu dwar dan ix-xoghol ta' tqeghid jew il-prezz ghal dan ix-xoghol. Intenni li x-xoghol ta' tqeghid kien inkariga ruhu minnu l-konvenut u dwar il-prezz ghal dan ix-xoghol jiena ftehemt u fil-fatt hallast lill-konvenut. Jiena lil dan Michael qatt ma hallastu xejn ghat-tqeghid tal-madum tad-disinn gewwa r-residenza tieghi. L-ewwel darba li jien iltqajt ma' dan Michael kien meta gew il-konvenut u dan Michael fir-residenza tieghi biex jaraw flimkien kif kienu ser jahdmu x-xoghol ta' tqeghid*[8].

Il-konvenut jichad li l-inkarigu moghti lilu mill-attur kien ghall-manifattura, provvista, tqeghid u polish tal-madum fid-dar residenzjali tieghu izda jikkontendi li l-inkarigu kien limitatament ghall-manifattura u provvista tal-madum. Fir-rigward fl-affidavit tieghu jghid illi *meta kont ftehemt ma' Dr. Reuben, jien fuq il-madum biss kont ftehemt u ridt intih biljett biex icempel lil Michael Azzopardi biex iqeghdlu u jaghmillu l-polish. Dr. Reuben kien talabni biex nistaqsi lil Michael biex jara kemm ser jigih ix-xoghol tieghu. Infatti, meta konna ftehmna, fuq il-karti hemm l-ammonti tieghi u ta' Michael ghalihom. Michael qatt ma kien haddiem mieghi, imma xi drabi ssuggerejtu mal-klijenti li jigu jixtru l-madum. Meta thallast minghand Dr. Reuben, kien taghni l-flus biex nghaddihom lil Michael. B'kollox kien taghni tnax-il elf, disa' mija u hamsin Euro (€12,950), li minnhom tajt hamest elef Euro (€5,000) lil Michael Azzopardi*[9].

Dak affermat mill-konvenut però jinsab kontradett kemm minn Michael Azzopardi, kjamat in kawza f'dawn il-proceduri, kif ukoll mir-ricevuti mahruga mill-konvenut stess ghall-hlasijiet effettwati mill-attur.

Fl-affidavit tieghu Michael Azzopardi ddikjara *jiena niftakar li Colombo kien avvicinani sabiex niehu hsieb xoghol ta' tqeghid ta' madum u sabiex nghorku fi proprjetà ta' Dr. Reuben Farrugia fi Triq il-Kbira, Balzan. Meta Colombo kien saqsieni x'kien il-hlas tieghi jiena kont ghidtlu li l-ispiza ta' xogholi kienet ta' €5,000 u kien Colombo li hareg l-istima tax-xoghol kollu inkluz ix-xoghol tieghi. Meta jiena kont tlabt lil Dr. Farrugia sabiex jaghtini depozitu fuq ix-xoghol li kont qed naghmel huwa kien jghidli li lili ma jafnix u li ghandi nghid lil Colombo. Ghalhekk jiena kont tlabt xi haga tal-flus bil-quddiem lil Colombo u infatti huwa kien ghaddieli depozitu. … Jiena kont lestejt mix-xoghol ta' tqeghid u kont anki hadt hsieb l-ghorik tal-madum u meta lestejt mix-xoghol kont cempilt lil Colombo sabiex jara x-xoghlijiet u huwa kien sodisfatt bix-xoghol. Meta kien ikun hemm Dr. Farrugia jew martu fuq il-post huma dejjem fahhru xogholi. Jiena kien ghaddieli l-kumplament tal-hlas tieghi Colombo u l-ammont totali li thallas kien ta' €5,000.* In kontro-ezami waqt is-seduta mizmuma quddiem il-Perit Tekniku fl-20 ta' Mejju 2013[10], Michael Azzopardi iddikjara li *naqbel li jiena ma*

---

[8] Affidavit ta' l-attur a fol. 10 u 11 tal-process.
[9] Fol. 95 u 96 tal-process.
[10] Fol. 105 sa' 109 tal-process.

*ftiehemt xejn ma' Dr. Farrugia. La dwar prezzjijiet u xejn aktar. Naqbel li x-xoghol gie mghoddi lili direttament minn Chris Colombo. Pagamenti minghand Dr. Farrugia ma rcevejt xejn hlief ghal Lm200 ghall-baffjatura li semmejt aktar qabel li saret wara x-xoghol.*

Ir-ricevuti ghall-hlasijiet effettwati mil-attur nhargu kollha mill-konvenut u huma ffirmati minnu biss u mhux ukoll minn Michael Azzopardi. In fatti minn dawn l-irecvuti, esebiti bhala Dok. "RF15" sa' Dok. "RF17" a fol. 27 sa' 29 tal-process, jirrizulta s-segwenti: (i) ricevuta No. 09 datata 5 ta' Frar 2010 – *pagament akkont tal-madum fil-fond 56, Main Street, Balzan, minghand Dr. Reuben Farrugia – €4,000 (four thousand Euro)*[11]; (ii) ricevuta No. 21 datata 1 ta' April 2010 – *received from Dr. Reuben Farrugia on account of tiles and laying at 56, Main Street, Balzan - €5,000 (five thousand Euro)*[12]; u (iii) ricevuta No. 44 datata 1 ta' Gunju 2010 – *pagament ghas-saldu tax-xoghol ta' madum u tqeghid fil-fond 56, Main Street, Balzan, minghand Dr. Reuben Farrugia - €3,950 (tlett elef disa' mija u hamsin Euro)*[13]. Jigi ribadit illi minn dawn ir-ricevuti jirrizulta li l-attur hallas l-ammont intier ta' €12,950 ghax-xoghol tal-madum li sar fir-residenza tieghu direttament lill-konvenut u ma effettwa l-ebda hlas lill-kjamat in kawza.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-attur ghandu relazzjoni guridika diretta w unika mal-konvenut in kwantu huwa, ossia l-attur, kien inkariga lill-istess konvenut, accettanti, ghall-manifattura, provvista, trasport, tqeghid u polish ta' madum tad-disinn tradizzjonali gewwa l-fond residenzjali tieghu Nru.56, Triq il-Kbira, Balzan. Kien il-konvenut li a sua volta kien inkariga lill-kjamat in kawza Michael Azzopardi sabiex jiehu hsieb ix-xoghol ta' tqeghid u polish ta' dan l-istess madum. Fir-rigward ta' l-attur ghalhekk huwa l-konvenut li huwa u jibqa' responsabbli ghall-madum manifatturat u provdut **u** ghax-xoghol ta' tqeghid u polish ta' l-istess u huwa l-konvenut li ghandu jirrispondi ghal kwalunkwe nuqqas li seta' rrizulta kemm fil-madum kif ukoll fix-xoghol ta' tqeghid u polish ta' l-istess.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa tigi trattata l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut u cioè l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur a termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. (2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

[11] Dok. "RF15" a fol. 27 tal-process.
[12] Dok. "RF16" a fol. 28 tal-process.
[13] Dok. "RF17" a fol. 29 tal-process.

*(3) Iz-zminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jinghad fl-Artikolu 1407(2).* L-imsemmi artikolu tal-Ligi jinsab mad-disposizzjonijiet legali dwar il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha u l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja huma r-rimedji disponibbli lix-xerrej f'kaz li l-oggett minnu akkwistat jkun afflitt minn difett mohbi jew ma jkunx tal-kwalità pattwita[14]. Huwa evidenti ghalhekk li l-konvenut qed jalloka r-relazzjoni guridika tieghu ma' l-attur u l-konsegwenti azzjoni attrici fil-konfront tieghu taht il-kuntratt ta' bejgh.

L-attur però jikkontesta din l-allokazzjoni tar-relazzjoni guridika bejnu u l-konvenut u l-konsegwenti azzjoni minnu istitwita fil-konfront tal-konvenut taht il-kuntratt ta' bjegh u invece jissottometti li: *il-konvenut Colombo jibda n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu billi jistqarr illi fl-opinjoni tieghu l-azzjoni imressqa mill-attur ma hija xejn ghajr l-actio redhibitoria. Jissottometti illi t-talba ta' l-attur ghad-danni imsejsa fuq kuntratt ta' appalt kienet intiza biss sabiex tevita l-estremi ta' l-azzjoni verament intentata u cioè dik li skond il-konvenut Colombo hija l-actio redhibitorja. Dina l-istqarrija tal-konvenut hija ghal kollox frivola u minghajr bazi fil-Ligi apparti li hija intiza biss sabiex jaghti sisien lill-eccezzjoni ulterjuri tieghu. ... Illi bid-dovut rispett l-azzjoni odjerna hija kategorikament u kjarament imfissra fl-avviz promotur u dana fis-sens illi hija azzjoni ghar-rizarciment ta' danni reklamati mill-attur-kommittent fil-konfront tal-konvenut appaltatur naxxenti mir-responsabilità kontrattwali minhabba inadempjenza tal-konvenut*[15].

Jirrizulta ghalhekk li sabiex tigi indirizzata l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut, il-Qorti ghandha l-ewwel qabel kollox tiddetermina n-natura reali tar-relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut: hija wahda ta' bejgh kif pretiz mill-konvenut jew inkella ta' appalt kif affermat mill-attur? U in segwitu ghandha tiddetermina n-natura ezatta ta' l-azzjoni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut.

Huwa principju ormai stabbilit illi *l'appalto si distingue dalla vendita, perchè, come sapiamo oggetto di questa è un' obbligazione di dare, mentre oggetto dell'appalto è un' obbligazione di fare. La distinzione è, peraltro, talora, delicato rispetto alla vendita di cosa futura, nei casi in cui questa è fabbricata dallo stess venditore. Si ha vendita di cosa futura ogni qualvolta la convenzione abbia per oggetto un prodotto da costruire in conformità ad un tipo o ad un modello consueto alla ordinaria produzione; si ha invece, secondo i casi, contratto d'opera o appalto tutte le volte che la prestazione diretta alla creazione del prodotto esiga una speciale attività del produttore, in guisa che il prodotto rappresenti un quid novo rispetto alla normale serie produttiva e che l'obbligazione di fare acquisti sotto il profilo soggettivo ed oggettivo preminenza di fronte a quella di dare. Bisgona quindi accertare quale sia la volontà delle parti: se queste hanno dato prevalenza all' elemento*

[14] Emanuel Borg v. John Falzon, Citaz. Nru. 660/77 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[15] Replika ta' l-attur ghan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut, fol. 165 sa' 168 tal-process.

*del lavoro o dell'elaborazione della materia, si avra l'appalto; altrimenti, vendita di cosa futura (così quando chi predispone la cosa abbia già deciso di costruirla indipendentemente dall' ordinazione di altri e prima di questa). Per esempio un' impresa edilizia vende, prima della costruzione, un appartamento di un edificio che essa costruirà in proprio; una casa automobilistica vende un' automobile che essa deve ancora costruire ma che appartiene alla serie di quelle che ha progettato di costruire ecc.*[16]

Fuq l-istess principju hija bbazata l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **International Tentage Textiles Industries Limited v. Andreas Gerdes, Appell Civili Nru. 1689/03** deciza fit-22 ta' Gunju 2005: *hu evidentement distingwibbli l-kaz li fih, ghall-anqas mill-kontenut ta' l-appell principali u dak incidentali, il-partijiet ma jaqblux dwar ix-xorta ta' kontrattazzjoni konkjuza bejniethom. Dan ghaliex filwaqt li l-konvenut jirpoza l-aggravju tieghu fl-ambitu ta' l-istitut tal-locatio operis, is-socjetà attrici invece tikkolloka r-rapport negozjali fl-istitut tal-bjegh. Dan igib li l-ewwel indagini li trid taghmel din il-Qorti tirrigwarda x-xorta ta' ftehim bejn il-partijiet, u cioè jekk kienx wiehed ta' locatio operis jew dak ta' bejgh, jew addirittura minn kuntratt mist. Huwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenzja ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza f'ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni 'di facere' fuq dik 'di dare'. Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attività adoperata biex issir il-haga, mentri fil-kompravendità hu l-oggett innifsu. Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt specifiku; ad exemplum, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni kaz, l-oggett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabilit u indipendentement mill-konkluzjoni ta' xi ftehim partikolari; ad exemplum vettura li tigi manifatturata mhux skond ordni singolari izda in konformità ma' pjan generali ta' produzzjoni. Dan premess, fil-hsieb tal-Qorti, l-obbligazzjoni prevalenti kienet dik 'di facerre', gjaladarba s-socjetà attrici giet kommissjonata taghmel tinda bil-materjal tal-canvas appozitament ghal-konvenut biex jghatti frame iddisinjat mill-istess konvenut. ... Dan kien jikkorrispondi ghall-volontà tal-kontraenti. In virtù ta' din il-konsiderazzjoni, il-kontrattazzjoni intervenuta bejn il-partijiet ma tistax hlief titqies wahda ta' locatio operis.*

Applikat il-principju iktar 'l fuq espost u l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) appena citata ghall-fatti tal-kaz in ezami, jirrizulta li r-relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut ma tistax hlief titqies wahda ta' *locatio operis*. Il-konvenut ftiehem ma' l-attur li se jimmanifatturalu madum tad-disinn tradizzjonali skond disinn u bil-kuluri li ried l-istess attur u allura l-madum gie immanifatturat appozitament ghall-attur skond kif riedu hu, u apparte minn hekk il-konvenut ftiehem ukoll li oltre l-immanifatturar tal-madum, kien se jqieghed u jaghti l-polish lill-istess madum. B'hekk, jigi

[16] Andrea Torrente & Piero Schlesinger - Manuale Di Diritto Privato §331- L'appalto – pg. 535.

ribadit, hawn si tratta ta' obbligazzjoni 'di facere' da parte tal-konvenut a favur l-attur u ghalhekk ir-relazzjoni guridika taghhom hija wahda ta' *locatio operis*.

In kwantu rigwarda n-natura ta' l-azzjoni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut jigi osservat li din hija kjarament azzjoni ghad-danni nascenti mill-inadempjenza ta' l-obbligazzjoni kontrattwali tal-konvenut versu l-attur, liema inadempjenza ma gietx minnu rimejdata nonostante l-fatt li l-attur kien tah l-opportunità li jigi esegwit ix-xoghol rimedjali.

Fir-rigward l-attur iddikjara li *l-konvenut kien qabel illi kellu jsir ix-xoghol sabiex jigi rimedjat dak li issollevjat jien u kien ukoll qabel li l-madum tal-loggia kellu jinbidel. Dwar il-kulur ahdar li kien qed ikollu fading l-konvenut qalli "Heqq dan mhux xoghol ta' l-idejn" izda jien kont infurmajtu illi ahna konna qbilna li, salv ghall-kulur blu, jien kelli garanzija li ma jkunx hemm fading. Huwa kien qabel li kien biss il-kulur blu li ma kellux garanzija. Il-konvenut kien inkariga lil dan Michael sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni, li da parti tieghu kien infurmani li kien ser jigi xi xahar u nofs jew xahrejn wara. Izda l-opportunità li tajt lill-konvenut sabiex jirrimedja kien kollu ghalxejn ghaliex ma sar ebda xoghol. Nghid li jien kont ikkoncedejt lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol fix-xhur tas-sajf peress li f'dawn ix-xhur jien stajt nittrasloka l-familja tieghi gewwa residenza estiva, filwaqt li fix-xhur tax-xitwa dan mhux possibbli. Peress illi sa' Ottubru ma kien sar ebda xoghol rimedjali kien kont* cempilt *lill-konvenut u tlabtu spjegazzjoni ghaliex ma kien sar ebda xoghol. Il-konvenut allega li ma kienx jaf u qal li kellu jkellem lil Michael biex jigu fuq il-post. Fil-fatt hekk ghamlu u gew il-konvenut u dan Michael sabiex jergaw jaraw ix-xoghol ghall-habta ta' Ottubru. Jien infurmajt lill-konvenut illi issa ma seta' jsir ebda xoghol ghax jien ma stajtx naqla lill-familja tieghi minn god-dar u ghalhekk l-opportunità li kellu l-konvenut sabiex jirrimedja kienet intilfet. F'dina l-okkazzjoni gbit l-attenzjoni tal-konvenut illi l-fading fil-kulur ahdar kompla jizdied u kif ukoll zdied in-numru ta' madum maqsum li kien infirex f'hafna partijiet mid-dar u fil-fatt ghadu qed jinfirex*[17]. In kontro-ezami l-kjamat in kawza Michael Azzopardi kkonferma li *meta morna wara l-ilment, naqbel li Chris kien qabel li jaghmel xoghlijiet rimedjali. Din il-laqgha kienet saret qabel is-Sajf. Naqbel li Chris kien obbliga ruhu li fi zmien xahar imur jaghmel dan ix-xoghol rimedjali. Naqbel li wara li ghadda s-sajf kont mort fuq il-post ma' Chris. Niftakar li dakinhar Dr. Farrugia qal lil Chris li ghaddew erba' xhur u baqa' ma ghamel xejn u Chris beda jwahhal fija. Naqbel li lil Chris Dr. Farrugia tah cans biex jirrimedja u baqa' ma sar xejn*[18].

F'dawn ic-cirkostanzi partikolari ghalhekk l-azzjoni ghad-danni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut hija azzjoni disponibbli lilu bhala rimedju fil-konfront ta' l-appalltatur (ossia l-konvenut) ghall-inadempjenza kontrattwali. Konferma ta' din l-osservazzjoni tirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **Raphael**

[17] Affidavit ta' l-attur, fol. 10 sa' 12 tal-process.
[18] Xhieda moghtija quddiem il-Perit Tekniku waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2013, fol. 108 tal-process.

**Micallef v. Anthony Agius, Citaz. Nru. 1003/89** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2004, fejn dik il-Qorti osservat illi: *l-azzjoni prezenti tikkonsisti f'wahda ghar-rizarciment ta' danni reklamati mill-attur-kommittent fil-konfront tal-konvenut appaltatur. It-tutela akkordata mill-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu tar-responsabilità kontrattwali minhabba inadempjenza konkretizzata, f'dan il-kaz f'difetti riskontrati fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet maghmula mill-konvenut u konsistenti fi tqeghid tas-sistema tad-dranagg ghall-uzu ta' blokka bini fil-Fgura. Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spjjez ta' l-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu li dan, u fl-eventwalita li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali ta' l-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna ta' l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika. Il-premess hsieb dottrinali jsib riskontru fl-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna applikabbli ghal kaz fejn wiehed jonqos li jadempixxi obbligazzjoni di fare. Adempiment li jippresupponi wkoll li l-obbligazzjoni giet sewwa esegwita anke ghaliex, kif saput, 'l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi implicita'. Kollez. Vol. XL P I p 485). L-artikolu taht kumment jipprovdi in effetti illi 'fil-kaz li ma tigix ezegwita obbligazzjoni li biha wiehed intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur'. Korrettement interpretat, 'il-kreditur ta' obbligazzjoni 'di fare' ma hux obbligat f'kaz ta' inadempjenza tad-debitur, li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi huwa stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur' (Kollex. Vol. XXXIV P III p 809). Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma' l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Danni dawn li fil-kaz partikolari jrid jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti. Hu proprju tali rimedju ezercitat mill-attur fl-odjerna kawza. Mhux dak ta' l-ezekuzzjoni in forma specifika tax-xoghlijiet rimedjali izda tar-rizarciment tad-danni, kif hekk koncess lilu mill-Ligi. (Ara Kollez. Vol. XXX P I p 62). Dan anke ghaliex, kif rizultanti mill-provi, nonostante s-sejha li saritlu biex jirrimedja … il-konvenut wiegeb li hu ma kienx responsabbli u allura dan baqa' inadempjenti u ma ezegwiex ix-xoghlijiet rimedjali mitluba.*

Ladarba jirrizulta li r-relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut hija wahda ta' *locatio operis* u ladarba l-azzjoni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut hija azzjoni ghad-danni minhabba inadempjenza kontrattwali da parte tal-konvenut, jsegwi li l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta invokat mill-konvenut fir-Risposta Ulterjuri tieghu ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami u ghaldaqstant l-eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni attrici hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur a termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi ma tregix u b'hekk ma tistax tigi milqugha.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi determinat jekk ix-xoghol esegwit mill-konvenut – sia in kwantu rigwarda l-imanifatturar tal-madum kif ukoll it-tqeghid ta' l-istess – sarx skond is-sengha u l-arti u huwiex afflitt minn difetti jew inkella le.

Fid-dawl tan-natura teknika tal-mertu ta' l-azzjoni attrici l-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku sabiex jezamina x-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur u jisma' l-provi prodotti mill-partijiet kontendenti u wara jirrelata mill-aspett tekniku dwar it-talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijeit moghtija mill-konvenut u mill-kjamat in kawza. Fir-Relazzjoni tieghu, esebita a fol. 69 sa' 113 tal-process, il-Perit Tekniku kkonkluda li: *Jirrizultaw xquq fil-wicc ta' hafna mill-madum rizultat ta' difetti fil-manifattura ta' l-istess madum mill-konvenut u minn nuqqas ta' 'expansion joints' u nuqqas ta' prekawzzjonijiet ohra fit-tqeghid mill-kjamat; Il-fili miftuha huma rizultat ta' nuqqas ta' 'expansion joints' u nuqqas ta' prekawzzjonijiet ohra fit-tqeghid mill-kjamat; Jirrizultaw avariji fil-kulur ta' hafna mill-madum rizultat ta' difetti fil-manifattura ta' l-istess madum mill-konvenut; L-umdità fil-madum hija lokalizzata u giet ikkawzata meta nqatghet il-'membrane' u thalleb il-fil li hemm bejn l-istess madum u l-hajt mill-kjamat*[19].

Il-konvenut ma jaqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku u b'mod kategoriku ma jaqbilx li huwa ghandu jassumi responsabilità shiha ghan-nuqqasijiet ravvisati fix-xoghol ta' tqeghid meta dawn irrizultaw minn istruzzjonijiet moghtija b'mod specifiku mill-attur u esegwiti direttament mill-kjamat in kawza. Lanqas ma jaqbel li hemm nuqqasijiet fil-manifattura tal-madum ghaliex dan huwa madum mahdum bl-idejn u qatt ma tista' tinghata ebda garanzija fir-rigward ta' ebda kulur uzat f'tali madum.

Fir-rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jissottometti li *tajjeb ukoll li jissemmew aspetti ohra li bir-rispett kollu baqghu skartati kompletament fir-relazzjoni peritali. Wiehed irid jiftakar illi l-konvenut kien issugerixxa illi kellu jkun hemm xi forma ta' membrane u li dan ma kellux jinqata' sal-livell tal-madum imma ftit aktar 'l fuq sabiex it-tqeghid tal-madum isir sew. Fil-fatt l-attur kien qal lill-kjamat in kawza biex jaqta' l-membrane u din id-direzzjoni ma inghatatx mill-konvenut. Dan kien zball hekk kif il-madum ma kellux fejn jiftah. Jider li l-madum lanqas gie mxarrab kif suppost qabel ma sar it-tqeghid. Jekk kemm-il darba persuna tas-sengha m'ghandhiex issegwi l-parir tal-kommittent izda dik ta' l-arti u s-sengha, din il-htija taqa' fuq il-kjamat in kawza u mhux fuq il-konvenut. ... Illi huwa car illi f'xogholu l-kjamat in kawza ma kienx marbut li jsegwi id-direzzjonijiet ta' l-esponenti u ghaldaqstant huwa indipendenti fit-tmexxija ta' xogholu u jekk hemm xi danni ghandu jaddosshom hu. ... hu inveritier illi l-konvenut qatt ma nnega illi hemm xi nuqqasijiet fil-madum. Fil-fatt, kuntrarjament ghal*

---

[19] Para. 56 sa' 59 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 84 u 85 tal-process.

*dak li qed jallega l-attur, il-konvenut dejjem sostna li f'bhal kull xoghol iehor li huwa ghamel, fix-xoghol ta' l-attur hadem bl-akbar reqqa w uza l-ahjar materja prima. Illi huwa importanti li jigi sottlineat li dan kien kollu xoghol ta' l-idejn u ghaldaqstant il-prodott finali ma kienx se jkun preciz daqs dak mahdum. Illi meta l-attur irrekjeda li tinghata garanzija dwar li ma jkunx hemm 'fading' tal-kuluri, il-konvenut informah li dan se jkun difficli u fil-fatt qatt ma nghatat l-ebda garanzija bil-miktub. Wiehed ghandu jifhem illi peress li dan il-madum nhadem bl-idejn it-terminu 'fading' ma jistax jigi mifhum bhal li kieku kien 'fading' f'xoghol li huwa manifatturat b'ingenji moderni. Dan specjalment meta wiehed iqis li jkun hemm l-umdità. Fil-fatt meta jsir dan it-tip ta' xoghol, hafna fatturi jkunu jridu jigu kkunsidrati, bhalm' huma l-istagun, it-temp u l-kondizzjonijiet atmosferici. Illi dan huwa xoghol li ma jista' qatt ikun perfett peress li jinhadem bl-idejn u li tista' tghid jidher hafna iktar awtentiku meta ma jkunx precizament l-istess. Huwa hazin li qatt ma saru testijiet fuq il-maduma sabiex tigi verifikata l-kwalità taghha, peress li din nhadmet l-ikbar reqqa. Barra minn hekk wiehed ghandu jippreciza illi l-konvenut ghamel xogholu skond l-arti u s-sengha, kif hadem xoghlijiet ghal haddiehor li fihom dejjem kellu success u li taghhom qatt ma affaccja l-ebda riperkussjonijiet negattivi*[20].

Dwar il-qsim fil-madum, l-qsim fil-fili u l-madum imtebba, il-Perit Tekniku ikkonstata li: *Qsim fil-madum – Dan il-qsim fil-madum jikkonsisti fi xquq li jidher fil-wicc tal-madum … Mill-provi jirrizulta li dan id-difett qed jizdied mal-moghdia taz-zmien … Il-Perit ta' l-attur jirrapporta illi dawn ix-xquq huma rizultat ta' hafna trab jew tafal fir-ramel u li jista' jaghti l-kaz li l-madum kien ghadu frisk meta tqieghed. Dwar ta' l-ahhar, mhux il-kaz billi jirrizulta illi l-konvenut ghamel tlett xhur jahdem il-madum mentri l-kjamat dam xahar iqieghdu u ma jirrizultax illi l-kjamat kien qed iqieghed il-madum ezatt kif ilestieh il-konvenut oltre illi jirrizulta illi d-difetti fil-madum bdew johorgu sena wara t-tqeghid. Dwar ta' l-ewwel, jista' jaghti l-kaz li xi inkonsistenza fit-tahlita kkontribwiet ghal dawn ix-xquq, madanakollu dan qed jigi allaccjat ma' dak li ser jinghad aktar 'il quddiem dwar movimenti fil-madum. Il-konvenut jghid li jista' jkun li l-madum jinqasam bit-tqeghid u ma tindunax jew minhabba x-xemx li tidhol minn tieqa kbira. Dwar ta' l-ahhar, ghalkemm it-tieqa imsemmija tista' tikkontribwixxi xi ftit ghall-imsemmi qsim, jigi rilevat illi l-qsim fil-madum jinsab mifrux mad-dar kollha oltre illi dan il-fattur kontribwenti (ghalkemm minimament) kien digà maghruf mill-konvenut u l-kjamat qabel beda jitqieghed il-madum u ghalhekk setghu jiehdu il-prekawzzjonijiet necessarji bhal dak li ser jinghad aktar 'l quddiem dwar l-'expansion joints'. Billi taht il-madum tal-pjan terran sar saff konkos u l-'membrane', il-konvenut jghid li l-madum inqasam billi tqieghed jumejn biss wara li nghata l-konkos u l-konkos ma nixifx sewwa. Fl-ewwel lok, minghajr ma jidhol fl-aspett legali dwar ir-relazzjoni guridika, il-kjamat jew il-kjamat tramite l-konvenut xorta wahda qieghdu l-madum fil-kwistjoni*

---

[20] Paras. 6 u 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut, fol. 161 sa' 163 tal-process.

*nonostatne li kien hemm din il-preokkupazzjoni. Fit-tieni lok, il-madum inqasam ukoll fis-sular ta' fuq fejn m'hemmx konkos. Ghalkemm dwar is-sular ta' fuq il-konvenut jalludi ghat-travi bhala l-kawza tal-qsim fis-sular ta' fuq, f'dan ir-rigward il-konvenut u l-kjamat kienu jafu li l-madum ser jitqieghed fuq it-travi u x-xorok (li huma suggetti ghal caqlieq aktar minn soqfa tal-konkos minhabba fin-natura 'lightwieght' taghhom u kif ukoll billi huma maghmula minn numru ta' elementi – travi u xorok) u ghalhekk kellhom kull interess li jaraw x'prekawzzjonijiet ohra kellhom jittiehdu qabel ma jibda jitqieghed l-istess madum simili ghall-prekawzzjoni li ha l-kjamat meta uza s-sistema tal-kuccarun (halib tas-siment fuq it-tajn) waqt it-tqeghid. Qsim fil-fili – Dan il-qsim fil-fili jikkonsisti fi ftuh ta' fili dritti bejn il-madum. … F'art simili ta' din in-natura, partikolarment ikkunsidrat illi bosta spazji huma kbar … ikunu mehtiega 'expansion joints' sabiex jigu kontrollati movimenti kkawzati minn tibdil fit-temperatura/umdità u f'dan il-kaz anke xi ftit mill-uzu partikolarment fuq ix-xorok. Ghalkemm wiehed jifhem li dawn l-'expansion joints' (li jkunu mimlija b'materjal elastiku) jista' jkollhom dehra daqsxejn spjacevoli, fil-kaz in ezami lanqas 'expansion joints' mal-gnub ma saru nonostante li dawn jistghu facilment jigu mohbija taht l-iskirting (ghalkemm dan l-iskirting ma sarx u lanqas ma kien inkarigat jaghmlu l-konvenut jew il-kjamat). Dwar dan il-konvenut u l-kjamat xehedu li ghalkemm lill-attur kienu qalulu biex il-membrane jaqgtu pulzier 'l fuq mill-madum u mal-hajt ma jimliehx bis-siment biex il-madum ikollu fejn jespandi, l-attur ma riedx li jsir hekk biex ma jkollux toqob. Madanakollu l-kjamat xorta whada qata' l-membrance u mela dan il-fil bis-siment. Ghalkemm il-fili miftuha huma difett li facilment jista' jigi rimedjat billi jitnaddfu, jithalbu u jinghorku mill-gdid, minhabba li hemm id-difetti l-ohra ta' qsim u kulur differenti fil-madum, dan ir-rimedju wahdu ma jirrimedjax id-difetti fl-art fil-kwistjoni. … Madum imtebba' – din it-tebgha tikkonsisti f'tebgha skura lokalizzata fil-madum fil-pjan terran, biswit il-hajt, quddiem it-tarag. … Jirrizulta illi taht il-madum tal-pjan terran sar saff konkos u l-membrane. Dan id-difett huwa rizultat ta' umdità li titla minn taht l-art tramite s-sodda tal-konkos u/jew tramite l-hajt li jmiss ma' l-istess madum. F'dan ir-rigward il-konvenut u l-kjamat xehedu li ghalkemm lill-attur kienu qalulu biex il-membrane jaqtghu pulzier 'l fuq mill-madum u mal-hajt ma jimliehx bis-siment biex il-madum ikollu fejn jespandi, l-attur ma riedx li jsir hekk biex ma jkollux toqob. Madanakollu, il-kjamat xorta whada qata' l-membrane u mlieh bis-siment. Billi dan il-madum imtebba huwa lokalizzat u ghalhekk facilment jista' jigi rimedjat billi jinbidel l-imsemmi madum, minhabba li hemm id-difetti l-ohra ta' qsim u kulur differenti fil-madum, dan ir-rimedju wahdu ma jirrimedjax id-difetti fl-art fil-kwistjoni*[21].

Ghalkemm minn dawn il-konstatazzjonijiet jirrizulta li kien hemm certa resistenza da parte ta' l-attur fir-rigward tal-qtugh tal-membrane pulzier 'l fuq mill-madum u mal-hajt ma jinteliex bis-siment biex ix-xoghol 'l quddiem ma

[21] Para. 22 sa' 28, para. 29 s' 33 u para. 39 sa' 44 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 76 sa' 79 tal-process u fol. 81 tal-process.

jirrikonstrax difetti, jirrizulta wkoll li fir-rigward ta' diversi fatturi bhalma huwa l-qsim fil-madum u l-qsim fil-fili, dawn sehhew minhabba l-fatt li l-konvenut u/jew il-kjamat in kawza ma hadux il-prekawzzjonijiet necessarji fil-kuntest tax-xoghol ta' tqeghid tal-madum. In kwantu rigwarda r-resistenza ta' l-attur fir-rigward tal-qtugh tal-membrane pulzier 'l fuq mill-madum u mal-hajt ma jinteliex bis-siment biex b'hekk ma jkunx hemm problemi 'l quddiem, jigi osservat li l-kuntrattur/appaltatur li jipprocedi bix-xoghol kif irid il-klijent ghad illi jkun jaf u ben konsapevoli li x-xoghol esegwit b' dak il-mod ser juri difetti 'l quddiem, ma huwiex ezonerat mir-responsabilità ghal xoghol mhux esegwit skond is-sengha u l-arti ghaliex mexa skond istruzzjonijiet u insistenza tal-klijent.

Fir-rigward issir referenza ghall-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Moira Agius, Appell Civili Nru. 323/02** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004: *huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu ukoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria" (Kollez Vol. XXVII P I p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol. XL P I p485).* ***"L'appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina (Kollez Vol. XXXVII P III p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem (Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et noe, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez Vol. XLI P I p 667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "È dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidità e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol. XXV P I p 727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez Vol. XLII P II p 1003)***[22]*. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz ta' l-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez Vol. XLI P II p892). Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti ... l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew*

[22] Enfasi tal-Qorti.

*f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez Vol. XXXVIII P I p 292).*

Il-konvenut jsostni li ladarba x-xoghol ta' tqeghid sar mill-kjamat in kawza, li addirittura pproceda kif ried l-attur ghad illi kien konsapevoli li x-xoghol kien ser jirrizulta f'difetti 'l quddiem, huwa ma ghandu jgorr l-ebda responsabilità ghan-nuqqasijiet riskontrati fit-tqeghid tal-madum jew rizultanti mill-mod kif gie esegwit it-tqeghid tal-madum. Din is-sottomissjoni però hija ghal kollox guridikament insostenibbli stante li fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt fejn l-appaltatur ikun qabbad subappaltatur ghall-esekuzzjoni ta' parti jew aspett partikolari ta' l-appalt, hekk kif irrizulta li gara fil-kaz in ezami, huwa principju guridiku assodat illi ***r-relazzjoni tas-sid hi biss mal-kuntrattur, u dan, fl-esekuzzjoni tal-kuntratt, iwiegeb anke ghan-nuqqasijiet tan-nies imqabbda minnu. Is-subkuntrattur m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-sid u d-danni minhabba inadempjenza jridu jithallsu u jkunu dovuti mill-kuntrattur, anke jekk in-nuqqas ikun attribwibbli lis-sub-kuntrattur (ara "Frendo noe v. Abela noe et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Ottubru, 1989)***[23]*. Hu biss jekk it-terz, li jikkaguna l-hsara, ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur ta' l-obbligazzjoni, li dak l-agir ma jkunx attribwibbli lid-debitur inadempjenti; jekk dan it-terz min-naha l-ohra, ikun gie kkummissjonat mid-debitur biex jassisstih fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, kull nuqqas ta' dak it-terz, jitqies nuqqas tal-kuntrattur kontraent (ara "Farrugia v. Attard noe" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 1998)*[24].

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-fatt li l-Qorti awtorizzat il-kjamata in kawza ta' Michael Azzopardi b'Digriet moghti fl-20 ta' Frar 2012, ma jfissirx liu ma jwassalx biex il-konvenut jigi b'xi mod ezonerat mir-responsabilitajiet tieghu versu l-attur u dana billi kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Raymond Maiia et, Appell Civili Nru. 2347/97** deciza fis-27 ta' Frar 2003: *fid-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fil-15 ta' Marzu 1991 (Vol. LXXV – II – 560) fil-kawza fl-ismijiet "Agent Accountant General v. George Xuereb noe" l-utilità tal-prezenza fil-kawza tas-subappaltatur (kif kien dak il-kaz) giet mistharrga sew u nsibu li tali presenza hija hekk utli "kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-subappaltatur li esegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan ta' l-ahhar ma jkunx, 'l quddiem, jista' jilmenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiza valida w efficjenti fil-konfront ta' l-attur u b'hekk gie li bata huwa..." Izda f'dik is-sentenza, dil-Qorti kompliet telabora kif gej, "**Fuq kollox però t-talba ghall-kjamat in kawza b'ebda mod ma setghet tfisser illi b'daqshekk is-socjetà konvenuta kienet qatt tehles, a bazi taghha, mir-responsabbilità***

[23] Enfasi tal-Qorti.

[24] Joseph Schembri v. Emanuel Caruana, Citaz. Nr. 534/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003.

***kuntrattwali taghha, kif din hija stabbilita mill-kuntratt ta' appalt"***[25].

In kwantu rigwarda l-kulur differenti fil-madum manifatturat mill-konvenut u imqieghed fil-fond ta' l-attur, il-Perit Tekniku kkonstata li *dan il-kulur differenti jikkonsisti f' 'shades' differenti ta' l-istess kulur u jidher fil-wicc tal-kuluri kollha tal-madum: griz, ahdar u blu. Mill-provi jirrizulta li dan id-difett qed jizdied mal-moghdija taz-zmien. Jirrizulta illi l-konvenut kien issugerixxa illi l-kulur blu ma jintuzax billi dan il-kulur jiccara, izda l-attur xorta whada nsista li dan il-kulur jintuza. Fil-fatt, il-partijiet qed jaqblu illi l-konvenut ma ggarantixxiex ghal varjazzjonijiet fil-kulur blu biss. Il-Perit ta' l-attur jghid li d-differenzi fil-kulur hija rizultat tal-kwalità u kwantità tal-kulur, il-'water/cement' ratio tat-tahlita u l-'curing'. Ghalkemm l-esponent jaqbel li dawn il-fatturi, inkluz ukoll il-hxuna tat-tahlita, jikkontribwixxu ghal dawn id-diskrepanzi fil-kulur, jigi rilevat illi f'dan il-madum – stante li jkun mahdum wahda wahda bl-idejn – normalment ikun hemm tali diskrepanzi, liema diskrepanzi jikkontribwixxu ghal dehra originali fuq stil antik. Madanakollu, jirrizulta illi l-konvenut gibed l-attenzjoni ta' l-attur dwar id-diskrepanza fil-kulur blu biss u mhux dwar il-kuluri l-ohra*[26].

Minn din il-konsiderazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta li filwaqt li qed jirrikonoxxi l-fatt li xoghol madum bl-idejn qatt ma jkun perfett bhal xoghol mahdum bil-magni jew ingenji, huwa qed jiffoka fuq il-fatt li meta kienu qed jiftehmu fuq il-kuluri, il-konvenut sahaq ma' l-attur dwar diskrepanza eventwali fil-kulur fir-rigward tal-kulur blu biss u mhux ukoll il-kuluri l-ohra maghzula minnu. Ghalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jittenta jichad dan il-fatt u jipprova jiskolpa ruhu billi jghid li ma ta garanziji bil-miktub fir-rigward ta' l-ebda wiehed mill-kuluri maghzula mill-attur, mill-affidavit tal-konvenut stess jirrizulta ben car li l-unika enfasi li saret minnu fir-rigward ta' varjazzjoni fil-kulur hija fir-rigward tal-kulur blu biss. In effetti l-konvenut jiddikjara li: *il-madum huwa ta' tmien (8) pulzieri bi tmien (8) pulzieri. Ghandu disinn bil-kuluri griz, ahdar u blue. Meta kienet giet il-mara ta' Dr. Reuben, kienet bilfors riedet il-kulur blue. Jien minn dejjem, il-kulur blue ma nirrakomandahx ghax jiccara, imma hi bilfors riedet il-kulur blue. Jien kont ukoll urejtha xi samples tal-madum bil-kulur blue li kienu iccaraw, imma hi xorta riedet dan il-kulur. Sa' gurnata qabel ma bdejt ix-xoghol jien kont cempiltilha biex tibdel il-kulur blue*[27]. Huwa evidenti ghalhekk li l-konvenut gibed l-attenzjoni ta' l-attur ghall-varjazzjoni notevoli fil-kuluri utilizzati fil-madum manifatturat ghalih biss fir-rigward tal-kulur blu u mhux ukoll fir-rigward tal-kuluri l-ohra, ossia l-griz u l-ahdar li però wara ftit zmien bdew jiccaraw notevolment ukoll.

[25] Enfasi tal-Qorti.
[26] Para. 34 sa' 38 tar-Relazzjonit al-Perit Tekniku, fol. 80 tal-process.
[27] Fol. 95 u 96 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex toqghod fuq il-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku dwar in-nuqqasijiet fix-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur u dana billi kif inhu ben maghruf: *il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha.* ***Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli***[28]

Stabbilit li x-xoghol esegwit mill-konvenut fuq inkarigu ta' l-attur ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u kien fih ukoll difetti u stabbilit ukoll - hekk kif johrog ben car mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku - li l-maggor parti tal-madum jrid jigi sostitwit, jehtieg jigi determinat il-*qunatum* tad-danni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut ghall-inadempjenza kontrattwali tieghu fil-konfront ta' l-attur.

Fl-affidavit tieghu l-attur iddikjara li *l-ammont ta' danni minni pretizi huma ghaxart elef Euro (€10,000) li jirrapprezentaw l-ispiza li jiena ser ikolli insofri sabiex nirrimpjazza x-xoghol difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti intrapriz mill-konvenut li huma ekwivalenti ghal tlett kwarti mill-prezz imhallas lill-konvenut u dana stante li parti sostanzjali mix-xoghol minnu intrapriz irid isir mill-gdid apparti l-ispiza biex jinqala l-madum ezistenti u jigi trasportat*[29]. Il-Perit Mario Cassar, perit inkarigat *ex parte* mill-attur, ikkonstata li fid-dawl tan-nuqqasijiet riskontrati fix-xoghol esegwit mill-konvenut *ftit hemm x'wiehed jaghmel hlief li jinbidel il-paviment. Dan kollu sakemm il-madum ikun ta' kwalità u sahha skond standards Ewropej. Meta l-esponent ikkunsidra illi hemm madwar mitejn u hamsin metru kwadru ta' madum, l-ispiza biex dan jinqala' u jigi mibdul b'madum ta' kwalità tajba, u l-ghorik. Ghalhekk dawn id-danni jammontaw ghal madwar €12950 + €1165 (qlugh u garr) u €2450 VAT li jammontaw ghal €16,650. Dawn ma jinkludux kirja ta' abitazzjoni alternattiva li ghandha tokkupa l-familja Farrugia sakemm jitlestew dawn ix-xoghlijiet, liema spiza tista' tammonta ghal madwar €800 ohra. Dritt professjonali tal-perit tekniku jammonta ghal €500*[30].

Fir-rigward tad-danni l-Perit Tekniku kkonstata li *ghalkemm mhux il-madum kollu huwa maqsum jew bid-diskrepanzi fil-kulur, id-difetti jinsabu mifruxa*

---

[28] Enfasi ta' din il-Qorti. Paul Grech et v. Lawrence Grech et, Citaz. Nru. 380/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003.
[29] Affidavit ta' l-attur, fol. 10 sa' 12 tal-process.
[30] Fol. 46 tal-process.

*madwar id-dar kollha u ghalhekk ix-xoghlijiet rimedjali jkunu jirrikjedu l-qlugh u l-bdil tal-madum kolllu. Forsi wiehed jista' jiddeciedi li ma jmissx xi kamra jew ohra kemm minhaba l-uzu u n-natura ta' l-istess kamra u kif ukoll billi wiehed ma jmissx kamra fejn id-difetti jkunu mohbija taht l-ghamara. Ikkunsidrat illi dawn id-difetti huma mifruxa ma' l-art kollha, illi dan ix-xoghol kien jiswa €12,950 u kif ukoll illi d-danni relattivi jinkludu wkoll spejjez ohra relatati mac-caqliq ta' l-ghamara, irtokki mal-hitan minhabba titjir tat-tajn, il-qlugh u r-rimi tal-madum ezistenti kif ukoll it-tindif u r-rilokazzjoni, l-esponent jikkunsidra gusta t-talba ta' l-attur fl-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000)* u finalment ikkonkluda li *d-danni relattivi qed jigu likwidati fl-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000).*

Peress illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni wkoll il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex toqghod fuq u tadotta bhala Taghha l-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku, qed tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut lill-attur ghal xoghol mhux esegwit skond is-sengha u l-arti u afflitt minn difetti fl-ammont ta' €10,000.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza u konsegwentement tilliberah mill-osservanza ta' dan il-gudizzju;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-kjamat in kawza;
3. Tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut dwar l-allegata perentorjetà ta' l-azzjoni attrici bid-dekors ta' sitt xhur a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-konvenut fir-Risposta originali tieghu u minflok tilqa' t-talba attrici;
5. Tiddikjara li x-xoghol esegwit mill-konvenut ta' manifattura u tqeghid ta' madum bid-disinn tradizzjonali fil-fond Nru.56, Triq il-Kbira, Balzan, fuq inkarigu ta' l-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u huwa afflitt minn diversi difetti;
6. Tiddikjara wkoll li b'konsegwenza tax-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti u bid-difetti esegwit mill-konvenut, l-attur ser ikollu jissosstiwixxi in maggor parti tali madum;
7. Tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut lill-attur ghall-inadempjenza kontrattwali tieghu fl-ammont ta' €10,000; u
8. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, l-imsemmija somma ta' €10,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kif ukoll l-ispejjez pertinenti ghall-kjamat in kawza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**